# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum 8 ta' Marzu 2001**

**Citaz.  numru:  2418/98 NA (M2)**

**Rita Schembri (nee' Calleja)**

**vs**

**Mario Schembri**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors tal-konvenut tal-21 ta' Jannar 2000 fejn jitlob lill-Qorti takkordalu access ragonevoli ghal ibnu minuri Brandon Mark ta' 5 snin liema access kien qed jigi lilu mcahhad mill-intimata/martu nonostante illi din il-materja kienet giet bonarjament regolata minnhom b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tad-9 ta' Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Axiak, liema kuntratt kien gie awtorizzat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.  Fost l-arrangamenti f'dan il-kuntratt kien hemm <u>id-dritt ta' l-esponent li jara lill-ibnu</u> almenu tlett darbiet fil-gimgha ghal tlett sieghat kull darba meta jkun

jinstab Malta ghal zmien gimgha.  (Is-sottolinear huwa ta' l-istess rikorrenti).

Minkejja illi jaccenna ghal-kondizzjoni, ma jsemmihiex specifikament fir-rikors tieghu, illi l-jedd ta' l-access, skond l-istess kuntratt, kellu jsir fil-presenza ta' l-omm.  L-attrici tinsisti fuq din il-kondizzjoni fir-risposta taghha tal-25 ta' Frar 2000 fejn taghmel ukoll diversi allegazzjonijiet dwar il-komportament irresponsabbil tar-rikorrent fil-konfront tal-minuri, sew bis-safar ta' spiss u fit-tul u sew billi naqas billi jipprovdi ebda manteniment ghall-istess minuri.  Effettivament ir-risposta fiha wkoll talba ghall-alimenti.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghad-29 ta' Mejju 2000. Saru pero' diversi seduti inutili minhabba li l-attrici/intimata ma kenitx notifikata bl-avviz tas-smiegh (ara verbali tad-29 ta' Mejju, 28 ta' Lulju u l-1 ta' Settembru 2000).  Ir-rikors eventwalment instema' fil-25 ta' Settembru 2000 fejn xehed ir-rikorrenti estensivament.  Huwa kompla jixhed fis-seduti tal-4 u 16 ta' Ottubru 2000.  Il-Qorti ezaminat din ix-xhieda bir-reqqa pero' ma jidhriliex illi f'dan l-istadju jkun utili ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza li tikkummenta sew fuq it-tendenzi sesswali tar-rikorrenti, sew fuq id-diversi mpiegi li

seta' kellu. Jirrizulta invece minn din ix-xhieda illi r-rikorrenti effettivament kien ilu zmien twil ma jara lill-ibnu minuri pero' ghamel ukoll zmien konsiderevoli msiefer minn mindu ssepara minn ma' martu u li minkejja li issa ilu xi sentejn Malta jidher bic-car li ma jahsibhiex darbtejn biex jerga' jsiefer ghall-iskopijiet tal-karriera tieghu. Fil-prezenti jaccetta wkoll illi ghandu paga ta' Lm300 netti fix-xahar.

Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2000 xehdet ukoll omm ir-rikorrenti filwaqt illi f'dik tal-20 ta' Novembru 2000 xehed Emmanuel Bonnici, l-*employer* tar-rikorrenti partikolarment dwar il-hinijiet tax-xoghol tieghu w ir-rikorrenti ddikjara li ghalaq il-provi tieghu.

L-attrici/intimata bdiet tixhed fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 u kompliet f'dik tat-22 ta' Dicembru 2000 fejn ir-rikors gie ampjament ittrattat u differiet ghad-digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000, minghajr pregudizzju, il-Qorti pprovdiet ghall-access ta' darba fil-gimgha ghal siegha taht supervizjoni fic-Centru Hidma Socjali u dan ghal-gimghat ta' qabel il-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti tibda biex tistqarr illi f'certu perjodi f'dawn il-proceduri r-rikorrenti jibbaza l-argumentazzjoni tieghu fuq id-drittijiet illi huwa ghandu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tiddikjara mill-bidu nett illi anke jekk dawn id-drittijiet fil-fatt jezistu huma ferm sekondarji ghal dawk tal-minuri li huma supremi u qabel kollox - il-*paramountancy principle* tal-Ligi Ingliza kif imfissra minn Lord Mc Dernmott fil-kaz J vs C tal-1969. M'hemmx dubbju pero' li f'dawn id-drittijiet tal-minuri hemm ukoll id-dritt fil-kazijiet normali li huwa wkoll igawdi hin adegwat ma' missieru li ghalhekk irid ukoll ikollu access ragonevoli ghall-istess minuri u li dan id-dritt ma ghandux jigi negat lill-minuri semplicement ghax iz-zwieg tal-genituri tieghu ma rnexxiex u ghax huma jkunu separati *de facto* jew *de jure*.

Dan nonostante hemm ukoll dawk il-kazijiet fejn ghal diversi ragunijiet l-interess tal-minuri huwa li dan l-access jigi negat lil missieru jew almenu jekk jinghata, jinghata taht supervizjoni. F'dan il-kaz partikolari hemm zewg ragunijiet li jwasslu lill-Qorti ghal din is-soluzzjoni li, fil-fehma taghha, hija l-ahjar wahda ghall-minuri, almenu f'dan l-istadju.

**1.** Minkejja illi ma ngabet ebda prova li l-missier jista' jservi ta' skandlu ghal ibnu l-Qorti ma jidhriliex li ghandha tiehu dan ir-riskju, remot kemm huwa remot, pero' li, jidhrilha, ma jistax jigi ghal kollox eskluz in vista tal-komportament ta' l-istess missier f'certi cirkostanzi f'hajtu;

**2.** Nonostante illi forsi l-attrici ghandha wkoll xi ftit tort jirrizulta illi l-missier ilu 'l fuq minn sentejn ma jara lill-ibnu w effettivament kwazi ma jkollu ebda kuntatt mieghu. Ikun ghalhekk prudenti illi dan l-access isir ukoll fil-presenza ta' persuna li tkun tista' tghin fir-ri-abilitazzjoni ta' din ir-relazzjoni bejn il-missier u l-minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha t-talbiet tar-rikorrenti huma milqugha fis-sens illi l-Qorti qieghdha takkordalu access darbtejn fil-gimgha u cioe' kull nhar ta' Sibt bejn id-9.30 a.m. u l-11.30 a.m. u gurnata ohra bejn l-4.00 p.m. u l-5.00 p.m. u taht supervizjoni fic-Centru Hidma Socjali. Il-Qorti sejra thalli f'idejn il-partijiet biex jiddeciedu liema gurnata hija dik l-aktar konvenjenti ghall-minuri u ghalihom u tispera illi almenu fuq dan il-punt ikun hemm qbil bejniethom minghajr ma jergghu jitolbu l-intervent ta' din il-Qorti.

Minkejja illi dan il-punt ma rega' kwazi qatt gie msemmi hlief fil-qosor f'xi xhieda moghtija hemm ukoll il-kwistjoni ta' l-alimenti mitluba fir-risposta ta' l-attrici li ghall-fini ta' l-Artikolu 46A tal-Kodici Civili tista' titqies bhala talba minkejja illi saret fir-risposta ta' l-istess attrici u mhux permezz ta' rikors *ad hoc*.

Konsiderat illi l-konvenut mhuwiex kontestat li ghandu paga ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) fix-xahar netti, il-Qorti tordna illi jivversa fl-ewwel ta' kull xahar, u dana mill-1 ta' Marzu ta' din is-sena lill-attrici ghan-nom tal-minuri s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar bhala l-kontribut tieghu ghall-alimenti ta' l-istess minuri. Dan l-obbligu wara kollox kien diga' gie assunt fil-principju mill-istess konvenut fil-klawsola 9 tal-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.